**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru 7/2021**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Joseph Grech**
**Kurt Grech**

**<u>Illum, 10 ta' Marzu, 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **Joseph Grech** ta' sebgħa u ħamsin (57) sena, iben Emanuel u Mary xebba Mifsud, imwieled il-Pieta nhar is-sitta (06) ta' Ottubru 1963 u residenti 47, Joeann, Triq San Girgor, Pieta', u detentut tal-karta tal-identita` numru **534363M**, u **Kurt Grech** ta' sebgħa u għoxrin (27) sena, iben Joseph u Anna Marie xebba Balzia, imwieled il-Pieta nhar l-erbatax (14) ta' Ġunju 1993 u residenti 47, Joeann, Triq San Girgor, Pieta', u detentut tal-karta tal-identita` numru **265793M** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**<u>L-EWWEL KAP</u>**

Illi nhar it-tieni (02) jum ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija (20.00) il-Pulizija tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali, senjatament l-Ispettur Keith Arnaud ġie nfurmat li kien għadu kif seħħ omiċidju

ġewwa Triq Giovanni Barbara, il-Ħamrun. Illi meta l-Imsemmi Spettur wasal fuq il-post ġie nfurmat li l-vittma kien ċertu Brandon Pace magħruf bħala l-Galalli, liema persuna nstabet mimduda fl-indana ta' blokka ta' appartamenti f'għadira demm liema blokka kienet immarkata bl-ittra J u sitwata propju fi Triq Giovanni Barbara, il-Ħamrun. Illi l-kadavru ma kienx liebes ħwejjeġ għajr għal shorts u kien ukoll ħafi u mill-feriti li kellu fuqu, fosthom fuq sidru, kien evidenti li tilef ħafna demm. Illi ġie nnutat oltre li f'xi ħin intużaw ukoll xi madum liema madum kienu jidhru mkissra barra l-blokka fit-triq.

Illi fuq ix-xena tad-delitt ġie stabbilit li ftit tal-ħin qabel il-vittma **Brandon Pace** kellu argument ma persuna magħrufa bħala n-Nemes ċertu **Kurt Grech** dana meta dan tal-aħħar irrikorra quddiem il-blokka ta' appartamenti fejn kien hemm Jessica Bilocca fi Triq Giovanni Barbara fejn irriżulta li ġie skambjat xi tgħajjir u theddid bejn l-imsemmija Jessica Bilocca u Lisa Pace li minn naħa tagħhom ħarġu fil-gallarija tal-appartament u **Kurt Grech**. Illi jirriżulta li dak il-ħin fl-appartament kien hemm ukoll l-għarus ta' Jessica Bilocca, Brandon Pace li malli ra x'kien qed jiġri ddeċieda li jinżel isfel biex jikkonfronta lil **Kurt Grech**. Illi isfel barra rriżulta oltre li flimkien ma **Kurt Grech** kien hemm ukoll missieru **Joseph Grech** u ommu Anna Maria Grech li ġie stabbilit li waslu fuq il-post b'vettura separata ftit tal-minuti wara Kurt. Illi filfatt jirriżulta li **Kurt** wasal fuq il-post permezz ta' Skoda Favorit maroon filwaqt li missieru u ommu kienu waslu ftit tal-ħin wara permezz ta' Peugeot 106 bajda.

Illi għalkemm kien hemm tentattiv biex l-argument ma jibqax jiskala dan sfaxxa fix-xejn peress li fi ftit minuti **Brandon Pace**, **Kurt Grech**, **Joseph Grech** u Anna Maria Grech, u f'ħin minnhom ukoll Jessica Bilocca, spiċċaw f'għoqda waħda, fejn skont ix-xhieda okulari, f'ħin minnhom **Brandon Pace** deher jaqa **b'Kurt Grech** jaqbeż fuqu. Illi mix-xiehda miġbura rriżulta oltre li kemm **Kurt Grech** kif ukoll **Brandon Pace** użaw l-iskieken li kellhom fuqhom bil-konsegwenza li **Brandon Pace** safa maqtul fuq il-post. Illi skont ix-xhieda okulari, familjari tal-vittma, fosthom omm Brandon, Lisa Pace, stqarrew mal-pulizija li meta **Brandon Pace** pprova jidħol ġewwa l-blokka raw lil **Joseph Grech** jagħti l-aħħar daqqa ta' sikkina f'dahar Brandon. Illi malli Brandon

Pace daħal ġewwa fil-komun tal-blokka tal-appartamenti **Kurt Grech** u l-ġenituri tiegħu telqu minn fuq il-post bil-vetturi rispettivi tagħhom.

Illi b'din l-informazzjoni l-pulizija rrikorriet mill-ewwel fir-residenza tal-familja Grech li tinsab f'Triq San Girgor fejn mal-wasla tagħhom ġew infurmati mill-familja Grech li filfatt **Kurt Grech** kien qed jistenna l-ambulanza peress li kellu ferita fil-ġenb ta' sidru tant illi ftit tal-ħin wara waslet l-ambulanza li ħadet lil **Kurt Grech** l-isptar għal aktar trattament. Illi l-pulizija nnotifikat lil **Kurt Grech** bl-arrest tiegħu fuq l-omiċidju ta' **Brandon Pace** tant li eskortatu l-isptar fejn tħalla wkoll pulizija għassa miegħu.

Illi meta **Joseph Grech** ġie mitkellem mill-pulizija fir-residenza tiegħu ġie nfurmat li kien jinsab wkoll arrestat flimkien ma ibnu **Kurt Grech** fuq l-omiċidju ta' **Brandon Pace**. Illi fir-rigward ta' omm Kurt u mart Joseph, Anna Maria Grech kienet tidher f'qadgħa ħażina u taħt xokk tant illi ġie deċiż li tiġi skortata wkoll minn pulizija mara ġewwa l-Isptar biex tiġi eżaminata ulterjorment.

Illi l-Maġistrat tal-għassa ġie nfurmat bl-akkadut fejn dlonk ħatar diversi esperti biex jassistu lill-pulizija fil-prizervazzjoni tal-evidenza kollha li kien hemm fuq ix-xena tad-delitt kif ukoll fir-residenza tal-familja Grech għal-fini ta' eżamijiet forensiċi. Illi kemm ix-xena tad-delitt kif ukoll ir-residenza tal-familja Grech ġew magħluqa u mgħassa għal dan il-għan.

Illi fl-istqarrija tiegħu **Kurt Grech** ikkonferma li n-nhar it-tieni (02) jum ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien mar fejn kien jirrisjedi l-partner tal-ex tfajla tiegħu Jessica Bilocca dana wara li skopra li Jessica kienet ċemplet lil ommu tgħajjarha u toffendiha minħabba binhom minuri Kieran. Illi ikkonferma wkoll li qabel ma aċċeda fuq il-post għadda d-dar tiegħu biex jiġbor żewġt iskieken għal li jista' jinqala biex jekk ikun hemm **Brandon Pace** jkollu biex jiddefendi ruħu peress li kien jaf kemm kienet persuna li tasal. Illi ikkonferma li mar għand Jessica fejn addirittura ħabbat darbtejn mal-bieb ta' barra tal-blokka fejn ftit tal-ħin wara lemaħ lil Jessica u lil omm Brandon li bdew jwaddbu l-madum mill-gallarija. Illi kkonferma wkoll li Brandon

niżel b'sikkina f'idejh u ftit tal-ħin wara spiċċaw jiġġieldu fit-triq quddiem il-blokka bl-iskieken iżda baqa' jannega li missieru f'xi ħin kellu xi sikkina jew li uża sikkina fil-konfront ta' **Brandon Pace**. Illi kkonferma wkoll li f'ħin minnhom ta daqqa bis-sikkina u laqat ukoll lil Jessica Bilocca. Illi meta mistoqsi x'kien għamel bl-iskieken ikkonferma li kien ramihom fl-isprall b'dana li ġew elevati mill-pulizija ftit il-bogħod mid-dar tiegħu u meta l-imsemmija skieken ġew muriha lilu kkonferma li kienu l-istess skieken li kellu fuqu u li kien ġabar mid-dar tiegħu qabel ma rrikorra fuq ix-xena tad-delitt.

Illi fir-rigward **Joseph Grech**, huwa stqarr mal-pulizija li kien preżenti fuq il-post flimkien ma martu u ibnu u kif f'ħin minnhom jaf li qala daqqa ta' maduma tant li tarlu n-nuċċali minn għajnejh u jaf li waqa fl-art u għamel ftit sekondi mitluf minn sensieh tant li ma kienx jaf eżattament x'ġara. Illi **Joseph Grech** baqa' jinsisti mal-pulizija li fl-ebda ħin ma kellu xi sikkina fuqu u/jew li waqt l-argument ta xi daqqiet ta' sikkina lil **Brandon Pace**.

Illi fir-rigward tal-vittma **Brandon Pace**, huwa ġie ċċertifikat mejjet fuq il-post. Illi mir-relazzjonijiet rispettivi tat-tabib medikolegali u tal-pataloġisti ġie kkonfermat li **Brandon Pace** filfatt kien sofra diversi daqqiet ta' sikkina, kemm fuq sidru kif ukoll fuq dahru liema daqqiet ta' sikkina kienu l-kaġun tal-mewt tiegħu peress li kien tilef ħafna demm. Illi mill-provi kollha miġbura huwa evidenti li l-vittma safa attakkat b'diversi daqqiet ta' sikkina. Illi l-aġir tagħhom kien tali li flok marru jirraportaw lill-pulizija b'dak kollu li seħħ iddeċidew li jieħdu l-liġi b'idejhom u jiffaċċjaw l-problema huma akkost ta' kollox b'dana li minn tali daqqiet huwa evidenti li **Kurt** u **Joseph Grech** riedu dolożament u volontarjament joqtlu u/jew ipoġġu l-ħajja ta' **Brandon Pace** f'perikolu ċar tant illi l-istess **Brandon Pace** safa mejjet kaġun tad-daqqiet ta' sikkina li qala mingħand **Kurt** u **Joseph Grech** rispettivament.

Illi b`għemilhom **Kurt Grech** u **Joseph Grech** saru ħatja talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtlu jew li jqegħdu l-ħajja ta' **Brandon Pace** f'periklu ċar, ikkaġunaw l-mewt tal-istess Brandon Pace.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-ismijiet fuq msemmija, jakkuża lill-**Kurt Grech** u **Joseph Grech** ħatja talli dolożament bil-ħsieb li joqtlu persuna jew li jpoġġu l-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunawlha l-mewt, jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija **Kurt Grech u Joseph Grech** u illi huma jiġu kkundannati l-piena ta' priġunerija għal għomorhom kif ukoll għall-ħlas tal-ispejjeż peritali skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli **211(1)(2) u 533** tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għall kull piena oħra li tista skont il-liġi tingħata tal-imsemmija akkużati **Kurt Grech u Joseph Grech.**

## <u>IT-TIENI KAP</u>

Illi dakinhar tal-akkadut u fiċ-ċirkostanzi hekk kif jirriżultaw u ndikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe nhar it-tieni (02) jum ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) għal-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19.30), kif appena ndikat **Kurt** u **Joseph Grech** ddeċidew li flok jirraportaw lill-pulizija b'dak li kien seħħ lilhom marru għas-sodisfazzjon u kkonfrontaw lil Jessica Bilocca bil-konsegwenza li spiċċaw jiġġieldu ma **Brandon Pace** bl-użu ta skieken liema skieken intużaw fid-delitt kontra l-istess **Brandon Pace** bil-konsegwenza li spiċċaw qatluh.

Illi b'għemilhom l-imsemmija **Kurt Grech** u **Joseph Grech** saru ħatja talli waqt li kienu qed jagħmlu reat kontra **Brandon Pace** kellhom fuqhom arma regolari jew xi imitazzjoni tagħha, fil-każ odjern sikkina.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-ismijiet fuq imsemmija, jakkuża lill-**Kurt Grech** u **Joseph Grech** ħatja talli, fil-ħin li kienu qed jagħmlu delitt kontra l-persuna ta' **Brandon Pace** kellhom fuqhom arma u/jew imitazzjoni tagħha, fil-każ odjern sikkina, jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija **Kurt Grech u Joseph Grech** u illi huma jiġu kkundannati l-piena ta' erba' snin priġunerija kif ukoll ħlas tal-ispejjez peritali skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu **55(a)** tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480

tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu **17, 31, u 533** tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għall kull piena oħra li tista skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużati **Kurt Grech u Joseph Grech.**

## IT-TIELET KAP

Illi dakinhar tal-akkadut u fiċ-ċirkostanzi hekk kif jirriżultaw u ndikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe nhar it-tieni (02) jum ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) għal-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19.30), jirriżulta li minħabba l-atteġjament u l-imġieba ta' **Kurt Grech** u **Joseph Grech**, li seħħet fi triq pubblika, volontarjament iddisturbaw l-kwiet pubbliku u b'hekk kisru l-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'mod ġenerali.

Illi b'għemilhom **Kurt Grech** u **Joseph Grech** saru ħatja talli, volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-ismijiet fuq imsemmija, jakkuża lill-**Kurt Grech** u **Joseph Grech**, ħatja talli, volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ; jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-akkuzat **Kurt Grech u Joseph Grech** u illi huma jigu kkundannati għall-piena ta' xahrejn detenzjoni kif ukoll għall-ħlas tal-ispejjeż peritali skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli **7(2)(a), 12(1), 17, 31, 338(dd) u 533** tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għall kull piena ohra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati **Kurt Grech u Joseph Grech.**

## IR-RABA' KAP

Illi dakinhar tal-akkadut u fiċ-ċirkostanzi hekk kif jirriżultaw u ndikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe nhar it-tieni (02) jum ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) għal-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19.30), jirriżulta li l-akkużati **Kurt Grech** u **Joseph Grech** inġurjaw, insulentaw u/jew heddew lil Jessica Bilocca u Lisa

Pace dana meta marru quddiem ir-residenza tagħhom igħajtu u jindirizzawhom bi kliem mhux xieraq u denju f'soċjeta ċivili.

Illi b'għemilhom **Kurt Grech** u **Joseph Grech** saru ħatja talli nġurjaw u heddew lil Jessica Bilocca u Lisa Pace.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-ismijiet fuq imsemmija, jakkuża lill-**Kurt Grech** u **Joseph Grech**, ħatja talli nġurjaw u heddew lil ħaddieħor ; jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra **Kurt Grech u Joseph Grech** u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' xahrejn detenzjoni kif ukoll għall-ħlas tal-ispejjeż peritali skont dak li hemm u jintqaql fl-artikoli **7(2)(a), 12(1), 17, 31, 339(1)(e) u 533** tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għall kull piena oħra  li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużati **Kurt Grech u Joseph Grech.**

**<u>IL-HAMES KAP</u>**

*Fil-konfront ta' Kurt Grech waħdu*

Illi dakinhar tal-akkadut u fiċ-ċirkostanzi hekk kif jirriżultaw u ndikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe nhar it-tieni (02) jum ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) għal-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19.30), jirriżulta li l-akkużat **Kurt Grech** ħebb ukoll għal **Jessica Bilocca** waqt il-ġlieda li kien hemm bejnu u bejn **Brandon Pace** dan billi ta daqqa ta' sikkina fuq ir-riġel tax-xellug hekk kif l-istess **Kurt Grech** ikkonferma fl-istqarrija li rrilaxxa mal-pulizija.

Illi b'għemilu **Kurt Grech** sar ħati talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Jessica Bilocca f'periklu ċar ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuqha permezz ta' sikkina liema offiża kienet aktar fonda milli wiesgħa u għalhekk ikklassifikata bħala *stab wound*.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-ismijiet fuq imsemmija, jakkuża lil **Kurt Grech**, ħati talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Jessica Bilocca f'periklu ċar, ikkaġunalha offiża ta' natura gravi permezz ta' sikkina; jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-akkużat **Kurt Grech** u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' erba' snin priġunerija kif ukoll ħlas tal-ispejjeż peritali skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli **17, 31, 214, 215, 216, 217 u 533** tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għall kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat **Kurt Grech.**

## IS-SITT KAP TA' AKKUŻA

*Fil-konfront ta' Joseph Grech waħdu*

Illi dakinhar tal-akkadut u fiċ-ċirkostanzi hekk kif jirriżultaw u ndikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe nhar it-tieni (02) jum ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) għal-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19.30), jirriżulta li l-akkużat **Joseph Grech** f'ħin minnhom hedded lil Donna Pace b'sikkina mingħajr ma darabha u/jew sawwatha biha.

Illi b'għemilu **Joseph Grech** sar ħati talli mingħajr ma darab jew sawwat lil Donna Pace xorta waħda heddidha b'sikkina.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-ismijiet fuq imsemmija, jakkuża lil **Joseph Grech**, ħati talli mingħajr ma darab jew sawwat, hedded b'sikkina persuna oħra, Donna Pace; jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Joseph Grech** u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' xahrejn detenzjoni kif ukoll għall-ħlas tal-ispejjeż peritali skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli **7(2)(a), 12(1), 17, 31, 339(1)(b) u 533** tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għall kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat **Joseph Grech.**

Rat il-verdett tal-gurija tat-3 ta' Marzu, 2025 fejn fil-konfront tal-akkuzati Joseph Grech u Kurt Grech:

1. Fir-rigward tal-ewwel kap tal-att t'akkuza il-gurati b' 6 voti favur u 3 voti kontra, sabu lil **Joseph Grech** hati skond l-ewwel kap tal-att tal-akkuza.

   Fir-rigward tal-ewwel kap tal-att t'akkuza l-gurati b' 6 voti favur u 3 voti kontra, sabu lil **Kurt Grech** hati skond l-ewwel kap tal-att tal-akkuza.

2. Fir-rigward tat-tieni kap tal-atti t'akkuza l-gurati b' 6 voti favur u 3 voti kontra, sabu lil **Joseph Grech** hati skond it-tieni kap tal-att tal-akkuza.

   Fir-rigward tat-tieni kap tal-att t'akkuza l-gurati unanimament sabu lil **Kurt Grech** hati skond it-tieni kap tal-att tal-akkuza.

3. Fir-rigward tat-tielet kap tal-att t'akkuza l-gurati unanimament sabu lil **Joseph Grech** hati skond it-tielet kap ta' l-Att t' Akkuza.

   Fir-rigward it-tielet kap tal-att t'akkuza il-gurati unanimament sabu lil **Kurt Grech** hati skond it-tielet kap tal-att tal-akkuza.

4. Fir-rigward tar-raba' kap tal-att t'akkuza l-gurati b' 6 voti favur u 3 voti kontra, sabu lil **Joseph Grech** hati skond ir-raba' kap tal-att tal-akkuza.

   Fir-rigward tar-raba' kap tal-att t'akkuza il-gurati unanimament sabu lil **Kurt Grech hati** skond ir-raba'kap tal-att tal-akkuza.

5. Fir-rigward tal-hames kap tal-att t'akkuza l-gurati unanimament sabu lil **Kurt Grech** hati skond il-hames kap ta' l-Att t' Akkuza.

6. Fir-rigward tas-sitt kap tal-att t'akkuza l-gurati b' 7 voti favur u 2 voti kontra sabu lil **Joseph Grech** mhux hati skond is-sitt kap ta' l-Att t' Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Joseph Grech u Kurt Grech:

1. Hatja talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtlu jew li jqegħdu l-ħajja ta' Brandon Pace f'periklu ċar, ikkaġunaw l-mewt tal-istess Brandon Pace.
2. Hatja talli waqt li kienu qed jagħmlu reat kontra Brandon Pace kellhom fuqhom arma regolari jew xi imitazzjoni tagħha, fil-każ odjern sikkina.
3. Hatja talli, volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.
4. Hatja talli nġurjaw u heddew lil Jessica Bilocca u Lisa Pace.

In oltre tiddikjara lil Kurt Grech wahdu:

5. Hati talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Jessica Bilocca f'periklu ċar ikkaġuna offiża ta' natura hafifa fuqha permezz ta' sikkina

Di piu' tiddikjara lil Joseph Grech wahdu:

6. Mhux hati talli mingħajr ma darab jew sawwat lil Donna Pace xorta waħda heddidha b'sikkina.

**Ikkunsidrat,**

Semghet Il-provi tad-difiza ai fini ta'piena u cioe' is-segwenti:

**Dr Vincent Galea** xehed li ilu jaf lil Joseph Grech fil-vesti tieghu ta' avukat ghal dawn l-ahhar ghoxrin (20) sena fuq kwistjonijiet civili ta' propjeta'. Huwa spjega kif Joseph Grech mar l-ewwel darba ghandu fuq kwistjoni ta' wirt fis-sena 2005. Sussegwentament, kien wiret razzett li kienu jinzammu l-baqar fih u zviluppa din l-istess l-propjeta' u minn lira gabha tnejn. Jghid li dejjem ra rispett minghandu u dejjem mexa mal-kelma tieghu. Jghid li sahansitra anke gili mar ghandu d-dar tieghu.

**Perit David Psaila** xehed li huwa Perit u civil engineer u ilu jezercita din il-professjoni ghal dawn l-ahhar tletin sena. Spjega li sar jaf lil Joseph Grech fis-sena 2009 fuq sit f'

Tal-Pieta' li kien zviluppa flimkien ma haddiehor. Jghid li ghandu relazzjoni tajba hafna mieghu, tant li anke jigborlu flus tal-kirjiet t'appartamenti li ghandu gewwa l-Pieta' u dejjem mexa sew mieghu.

**Stephen Ciangura** xehed li huwa direttur ta' kumpanija tas-sigurta' *Executive Services Security*. Jghid li Kurt Grech huwa mpjegat full-time mieghu. Grech kien mar l-ufficju, ghamlulu interview u anke gab il-licenzja wara li kien ipprezenta d-dokumentazzjoni kollha fid-Depot. Kien inkarigat mill-patrole tal-Universita', bniedem tal-affari tieghu u li tista' tafdah

**Darren Grech** xehed li huwa t-tifel ta' Joseph Grech u li huwa hu Kurt Grech. Spjega li dejjem kien ikun ma missieru u ghandu relazzjoni tajba hafna mieghu. Jghid kif dan l-incident bidlilhom hajjithom u minn missieru qatt ma ra xejn hazin. Spjega kif il-piz tal-familja se jaqa' fuqu u dan peress li huwa vicin hafna ta' missieru u l-iktar li jaf dwar l-affarijiet tieghu.

**AC Keith Arnaud** jghid li kwistjonijiet mas-Sinjuri Grech qatt ma kellu oltre l-kawza odjerna. Fil-mori tal-kawza kien hemm okkazjoni wahda meta kellmu Kurt Grech u qallu li kien hemm xi kwistjoni fejn Jessica Bilocca bdiet taqla' xi paroli dwar l-access tat-tifel li ghandhom in komuni. Hu kien intervjena u kellem lil Bilocca. Fir-rigward ta' *bail conditions* qatt ma kien hemm kwistjonijiet.

Ikkunsidrat,

Semghet lil Dr Edward Gatt jaghmel is-sottomisjojnijiet tieghu ghan-nom ta' Kurt Grech. Dan spjega li dan hu kaz ta' qsim il-qalb ghax fl-ahhar mill-ahhar miet tifel ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, li minkejja l-passat ikkulurit u notorju tieghu xorta ghandu u kellu d-drittijiet tieghu. Huwa kaz li zvolga minhabba tifel ta' sitt (6) snin. Huwa sahaq li ghandu jinholoq bilanc u bilanc gust bejn il-piena li ghandha tinghata u l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lejn il-verdett tal-gurati, fil-kalibrazzjoni tal-piena. Huwa ghamel referenza ghal dak li tipprovdi l-ligi, partikolarment ghall-

Artikolu 492(2) tal-Kodici Kriminali. Huwa tenna illi dan il-provediment jipprovdi illi l-legislatur ipprovda u stabilixxa minimum li jista' jinghata f'kaz t'omicidju fejn il-verdett ma jkunx unanimu u cioe' dak ta' tnax (12) -il sena u l-massimu t' ghomor prigunerija. Huwa ghamel referenza ghall-verdett mghoti mill-gurati u li fil-fhema tieghu jghid li l-gurati bil-verdett taghhom riedu jwasslu messagg u cioe' li l-akkuzati ghandhom jinghataw sentenza fil-minimu.

Ghamel referenza ghall-fedina penali tal-akkuzati, dik ta' Kurt Grech hija wahda netta. Ghalhekk ikkonkluda billi stqarr illi din il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha jappella ghal klemenza u ghas-sens ta' gustizzja. B'risposta ghas-sottomisjonijiet tal-Avukat tal-parte civile, Dr Gatt zied jghid li *The people who matter* u cioe' l-gurati ddecidew u rabtulna idejna bil-verdett li huwa taw ghall-akkuza t'omicidju volontarju u qalulna sabiex immorru ghal minimu. Huwa kompla billi argumenta illi jekk il-Qorti ma tmurx ghal minimum fil-piena taghha, ser tkun qed tiskarta dak li qed jghidilna l-legislatur. Ikkonkluda illi sabiex il-Qorti tasal ghal bilanc gust, fid-dawl tal-kunisderazzjonijiet sucitati, il-piena ghandha tinghata fil-minmu, u kull distakk lejn il-minimu jkun ifisser nuqqas ta' rispett lejn il-gurija.

Semghet lil Dr Roberto Montaldo jaghmel is-sottomisjonijiet tieghu ghan-nom ta' Joseph Grech. Hu wkoll ghamel referenza ghall-Artikolu 492(2) tal-Kodici Kriminali u kif dan ghandu japplika ghal dan il-kaz. Jghid li jamplifika dak li qal Dr Vincent Galea u li Joseph Grech dejjem baxxa rasu ghal dak li kien jghidlu hu. Jghid li hu sahansitra anke qaghad parrinu tat-tifla ta' Darren Grech li jigi t-tifel ta' Joseph Grech. Jghid li bhala familja ghalhekk sar jafhom mill-vicin. Joseph Grech qatt ma kellu l-hsieb li jidhol f'dan il-kaz u spicca f'dan il-kaz b'mod incidentali biss. Spjega illi il-verdett fil-konfront ta' Joseph Grech taht il-Kapi kollha kien ta' sitta' (6) kontra tlieta (3) u fl-ahhar kap unanimament mhux hati. Jsostni illi Joseph Grech ma ghandux jinghata iktar minn tnax (12) -il sena prigunerija.

Qieset dak li qal il-prosekutur Dr Kevin Valletta fejn qal li l-partijiet kemm tal-prosekuzzjoni u anke tad-difiza ghexu dan il-kaz, kif zviluppa fl-awla u ghalhekk talab lill-Qorti sabiex tkun attenta fil-messagg li trid twassal l-isocjeta'. Jghid ukoll li l-kaz huwa ta' qsim il-qalb pero' jsostni illi had ma ghandu jiehu l-ligi b'idejh ghaliex fi kliemu 'Ahna ma nghixux go gungla'. Jghid li f'dan il-kaz id-difizi ma gewx accettati mill-gurija u ghalhekk ma ghandiex issir referenza ghalihom meta l-Qorti tigi sabiex teroga piena. Brendan Pace kien min kien, pero' fl-ahhar mill-ahhar go daru kien dakinhar meta kien aggredit. Il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni li Kurt Grech, oltre minn Joseph Grech, instab hati wkoll li kkaguna ferita ta' natura hafifa b'mod unanimu. Huwa kaz tragedja madankollu jibqa' jishaq illi l-kaz huwa car minghajr ebda skuzanti.

Qieset ukoll dak li qal Dr Ishmael Psaila bħala l-avukat tal-parte civile jgħid li l-akkużati nstabu ħatja u l-verdett hu car. Il-pubbliku vera qed tistenna sentenza, pero' fost il-pubbliku hemm omm li dejjem ser ikollha wild nieqes. Ir-realtajiet soċjali huma li huma. Fir-rigward ta' Joseph Grech jgħid li dan kellu jkollu l-kontrolli kollha sabiex jiditerri lil ibnu mill-kommessjoni tar-reat, madankollu dan ma għamlux. Il-Qorti għandha tqis illi f'dan il-każ miet raħel ta' wieħed u għoxrin (21) sena, li ħalla tlett itfal bla missier u li ġie mċaħħad mill-iktar ħaġa prezzjuza, l-ħajja.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-akkużati.

Ikkunsidrat,

Illi ma hemmx dubbju li dan huwa każ pjettuz ħafna fejn tfajjel ta' wieħed u għoxrin (21) sena, missier ta' tliet itfal, ġie miċħud mid-dritt prezzjuż tiegħu, tal-ħajja. Dan huwa fattur li mhux kontestat mill-partijiet u li lkoll qablu bis-sobgħa ta' din iċ-ċirkostanza. Però', f'dan il-każ ma għandu jsir l-ebda paragun ma każ ieħor u dan għaliex kull każ għandu l-isfurmaturi tiegħu u għandu jiġi ġġudikat fid-dawl ta' dawk l-istess fatti li jirriżultaw f'din l-awla tal-provi. Illi f'dan il-każ kienu l-ġurati li taw il-

ġudizzju tagħhom fuq il-fatti kif irriżultaw u abbażi tal-istess sabu lill-akkużati, t-tnejn ħatja inter alia fuq l-akkuża prinċipali t'omiċidju volontarju b'verdett ta' sitt (6) voti favur u tlieta (3) kontra ta' ħtija. Dan huwa verdett li jorbot idejn il-Qorti u li abbażi tiegħu din il-Qorti għandha tasal għal piena ta' dan il-każ. Il-Qorti qieset ukoll dak li jiddisponi wkoll l-Artikolu 492(2) tal-Kodiċi Kriminali u cioe' id-diskrezzjoni mgħotija lil Qorti mil-Leġislatur fl-applikazzjoni ta' piena f'każ ta' ħtija tar-reat t'omiċidju volontarju meta l-verdett ma jkunx unanimu. Għalhekk huwa l-leġislatur stess li jipprovdi li din il-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni numru ta' kunsiderazzjonijiet meta tiġi sabiex teroga l-piena.

Dan hu każ tragiku li għandu bħala retroxena tiegħu kwistjonijiet familjari li jikkonċernaw minuri li l-akkużat Kurt Grech kellu ma' ċertu Jessica Bilocca li fi żmien l-inċident mertu ta' dan il-każ, kienet l-għarusa tal-vittma Brendan Pace. Illi jidher li minkejja li l-akkużat Kurt Grech skont ma xehed Dr Vincent Galea ipprova jindirizza dawn il-kwistjonijiet quddiem il-Qrati Ċivili jidher li minħabba nuqqasijiet proċedurali, ma ngħatax widen. Sfortunatament din il-Qorti mhix novella għal dawn it-tip ta' problemi familjari, li jieħdu ħafna żmien sabiex jiġu ndirizzati, deċiżi u riżolti fil-forum adegwat. Ma hemmx dubbju illi dan id-dewmien ma hux qed jgħin sabiex problemi familjari jiġu riżolti b'mod ċivili u saħansitra ħafna każijiet kon simili jeskalaw fi proċeduri kriminali u f'dan il-każ b'mod gravissimu.

Il-Qorti tapprezza x-xogħol voluminuż li hemm pendenti quddiem il-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja) u għalhekk dawn ir-riformi li għaddejjin b'mod kontinwu fil-qasam tal-familja, għandhom jindirizzaw din il-problema akuta pendenti. Din il-Qorti hija tal-umli fehma illi wasal iż-żmien illi proċeduri li jikkonċernaw b'mod speċjali minuri, għandhom jingħataw pprijorità' u aktar minn hekk jiġi aċċertat li jekk ikun hemm bżonn ta' provvediment, dan għandu jingħata bl-iktar mod spedjanti u dan dejjem fl-aħjar interess tal-partijiet kollha, b'mod speċjali tal-minuri.

Minkejja ir-retroxena li wassal għall-każ odjern, xorta din il-Qorti hija rinfaċċata b'verdett ta' ħtija fuq ir-reat t'omiċidju volontarju u l-piena li ser tiġi mogħtija hija dik li tirrifletti l-verdett li waslu għalih il-ġurati.

Għalhekk din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7(2)(a), 12(1), 17, 31, 211(1)(2), 214, 215, 221(1)(2), 339(1)(e), 492(2) u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 6, 51(7) u 55(a) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara illi mhux issib lill-akkużat Joseph Grech ħati tas-sitt Kap tal-Att t'Akkuża u konsegwentament tilliberah minnha, pero' tiddikjara li qed issib lil Joseph Grech ħati tal-ewwel (1), it-tieni, it-tielet (3) u r-raba' (4) Kapi tal-Att t' Akkuża u tikkundanna lill-hati Joseph Grech għall-piena t' għoxrin (20) sena priġunerija. In oltre, tiddikjara lill- Kurt Grech hati tal-ewwel (1), it-tieni, it-tielet (3), r-raba' (4) u l-hames (5) Kapi tal-Att t' Akkuża u tikkundanna għalhekk lill-ħati Kurt Grech għall-piena ta' għoxrin (20) sena prigunerija.

Tikkundanna wkoll lill-akkużati jħallsu l-ispejjeż tal-perizji, konsistenti fis-segwenti:

1. PC 1362 Jonas Schembri €97.61 (fol. 430)
2. Perit Mario Cassar €751.07 (fol. 649)
3. Dr Marisa Cassar €29,396.16 (fol. 713)
4. Dr Mario Scerri €2,723.80 (fol. 721)
5. PC 813 C. Vella u PC 1362 J. Schembri €925.07 (fol. 787)
6. Prof. Marie Therese Camilleri €139.74 (fol. 899 tergo)
7. Dr Ali Safraz €256.23 (fol. 899 tergo)
8. PS 122 Arthur Borg, PS 586 Mario Azzopardi u PC 959 Daniel Formosa €1428.23 (fol. 951)
9. PC 1331 Darren Debattista u PC 813 Clinton Vella €665.85 (fol 990)
10. PS 1147 Antoine Fenech €296 (fol. 1056)
11. Spettur Charlot Casha €128.10 (fol 1206)

Tordna li jekk l-ispejjeż tal-perizji ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali fl-ammont totali ta' €36,807.86 ma jitħallsux jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi.

Tordna il-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe' l-iskiken esebit fl-atti favur il-gvern ta' Malta.

Tordna sabiex kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Onorevoli Dr Jonathan Attard bħala l-Ministru tal-Ġustizzja u r-Riforma tal-Kostruzzjoni u dan bil-għan li jieħu konjizzjoni tal-kontenut tas-sentenza mgħotija.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Reġistratur**